# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru 2811

**(likwidazzjoni tal-kwantum wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell numru 69/2021 datata 16 ta' Marzu, 2022)**

Kaz Numru 3801/JG

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

bejn

Nebojsa Vujakovic (K.I: 129708 A)

u

Bilom Construction Limited (C 48672)

*dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Illum: 25 ta' Marzu, 2022

**<u>Chairman: Is-Sur Joseph Gerada FCIPD, M.A.(Mediation), IUKB Suisse, Dip.Applied Soc.Stud.,MAAT</u>**

**<u>Introduzzjoni</u>**

Il-Kaz kien riferut lura lit-Tribunal Industrijali permezz ta' decizjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (sede inferjuri) preseduta mill-Onor. Imhallef Lawrence Mintoff - seduta tas- 16 ta' Marzu, 2022 referenza Appell Inferjuri numru 69. 2021 LM.

Permezz ta' din id-decizjoni l-Onorabbli Qorti laqat l-ewwel u t-tieni aggravji ta' l-appellant rikorrent u ordnat li l-atti jintbaghtu lura quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex dan jasal ghal-likwidazzjoni tal-kumpens li ghandu jithallas lill-appellant in segwitu ghat-tkeccija ngusta mill-impjieg.

**Likwidazzjoni tal-kumpens**

It-Tribunal ha konjizzjoni ta' din l-ordni u wasal ghad-decizjoni li jistabilixxi kumpens ta' €1,868.86 (Elf, tmien mija u tmienja u sittin euro u sitta u tmenin centenzmu) kalkolati kif segwenti;

Id-data ta' terminazzjoni mix-xoghol minghand is-socjeta' konvenuta kienet it-2 ta' Awwissu, 2019 u bidu ta' mpjieg gdid ma' ABB Ltd (BITMAC) skont ir-records ta' Jobs Plus ref B22 page 2 kien is-16 ta' Settembru, 2019. Dan ifisser li kien hemm madwar sitt gimghat xoghol mitlufa ghar-rikorrent.

Ghalhekk il-kalkolu sar billi ttiehdet ir-rata ta' hlas ghal kull siegha xoghol li kien €7.527 referenza Dok CC1 multiplikat ghal erbghin siegha ta' xoghol fil-gimgha multiplikat ghal sitt gimghat xoghol li tigi s-somma ta' €1,806.48. Ma' dan jizdied ukoll il-bonus statutorji li jammonta ghal €32.56 u l-allowance statutorja li jammonta ghal €29.82. Dan igib kumpens totali ta' €1,868.86 (Elf, tmien mija u tmienja u sittin euro u sitta u tmenin centezmu).

Il-kumpens jithallas fi zmien sitt gimghat minn din id-decizjoni.

**(iffirmat)**

Joseph Gerada

Chairperson